MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2015

Talba Numru. 361/2009

**Atlas Insurance PCC Limited (5601) f'isimha proprju**
**u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha**
**Intercomp Marketing Limited**
**abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess**
**Intercomp Marketing Limited**
**(C-20612)**

**vs**

**B.A.S. Limited**
**u b'digriet datat 19 ta' Gunju 2009 giet**
**kjamata in kawza s-Socjeta'**
**Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi s-socjeta' Intercomp Marketing Limited inkarigat lis-socjeta' intimata sabiex tittrasporta merkanzija lejn Malta u meta l-imsemmija merkanzija giet ikkonsenjata lil Intercomp Markering Limited fit-13 ta' Mejju 2008 (BOL No: 3KR7001), irrizulta li kien hemm nuqqasijiet fil-merkanzija, ghal liema nuqqasijiet hija responsabbli s-socjeta' intimata; Peress illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva s-socjeta' rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited hallset lill-

assigurata taghha s-somma ta' elf, erba' mija u sittin euro u hamsin centezmu (€1,460.50c) u ghalhekk is-socjeta' rikorrenti hija surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha u dan oltre l-hlas ta' €250 bhala *survey fees* u s-socjeta' Intercomp Marketing Limited sofriet €233.00 bhala excess; Peress illi s-socjeta' intimata hija ghalhekk debitrici tas-socjetajiet rikorrenti fis-somma globali ta' elf, disa' mija, tlieta u erbghin euro u hamsin centezmu (€1,943.50c), inkwantu ghal €1,710.50 lis-socjeta' rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited u €233.00 lis-socjeta' rikorrenti Intercomp Marketing Limited, rapprezentanti l-valur tan-nuqqasijiet fil-merkanzija relattivi, l-ispejjez tas-*survey* relattiv u l-excess, kollox kif premess.

Bl-imghax legali rispettiv mid-data tal-hlasijiet relattivi u bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata, li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet; (1) illi hija mhijiex responsabbli ghal kwalunkwe dannu u / jew telf soffert mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza. Ghal dan il-ghan ghandha tigi kjamata in kawza s-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (C17421) ta' Begonia Stores, Triq il-Pitkali, Attard; (2) Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta' esponenti m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici; (3) Illi l-ammont mitlub huwa esagerat u qed jigi kontestat; (4) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta' Gunju 2009, li permezz tieghu giet akkolta t-talba tas-socjeta' konvenuta ghall-kjamata in kawza tas-socjeta' Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited.

Ra r-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza, li permezz taghha eccepiet; (1) Illi s-socjeta' esponenti ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetajiet attrici u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; (2) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici mhumiex sufficjentement dettaljati ai termini tal-ligi u ghalhekk ghandhom jigu michuda fir-rigward tas-socjeta' esponenti. Minghajr limitazzjoni, ma hemmx indikazzjoni tal-kuntratt ta' garr rigwardanti s-socjeta' esponenti u dan jikkreja ostakolu ghas-socjeta' esponenti f' li twiegeb ghall-kawza odjerna; (3) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretensjonijiet li s-socjetajiet attrici jew dik konvenuta qatt seta' kellhom fir-rigward tas-socjeta' esponenti llum huma dekaduti ai termini ta' l-Artikolu 32 (1) (a) tal-Convention on *the Contract for International Carriage of Goods by Road* (abr. CMR)

li giet inkorporata fil-ligi *nostrana* tramite l-Kap 836 tal-Ligijiet ta' Malta; (4) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' esponenti m'hijiex responsabbli ghal ebda danni li allegatament sofrew is-socjetajiet atturi stante li hi kkonsenjat il-merkanzija lir-ricevitur f'Malta, u cioe' s-socjeta' konvenuta BAS Limited, fl-istess stat li rceviethom hi u dan skond ma kienet marbuta li taghmel. Ghaldaqstant jekk kien hemm xi nuqqasijiet fil-merkanzija dan ma sarx meta l-merkanzija kienet taht il-kura u kustodja taghha; (5) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma eccessivi; (6) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kwalunkwe responsabilita' li tista' tigi mputata lis-socjeta' esponenti hija suggetta ghal-limitazzjonijiet tal-*Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road* (abr. CMR) li giet inkorporata fil-ligi nostrana tramite l-Kap 836 tal-Ligijiet ta' Malta; Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti hija ta' l-umli opinjoni illi t-talbiet tas-socjetajiet attrici u l-pretensjonijiet tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tas-socjeta' esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

It-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda li nghatat mir-rapprezentanti tal-partijiet kontendenti u ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici assiguratrici - li maghha s-socjeta' attrici Intercomp Marketing Limited kienet assigurata in rigward konsenja ta' merkanzija minn barra minn Malta, u dwar liema konsenja saret *claim* mis-socjeta' Intercomp ghaliex sabet zewg-(2) *laptops* neqsin - qed titlob hlas minghand is-socjeta' konvenuta jew dik kjamata in kawza tal-ammont li gie mhallas lill-assigurata taghha. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara illi s-socjeta' konvenuta, li tipprovdi servizz ta' *freight forwarding*, giet inkarigata sabiex tigbor din il-merkanzija minghand il-fornitur minn gewwa mahzen barra minn Malta u tikkonsenjaha fil-mahzen tas-socjeta' assigurata taghha, u cioe' Intercomp. Illi rrizulta illi s-socjeta' konvenuta nkarigat is-servizzi ta' terzi sabiex jigbru u jikkonsenjaw din il-merkanzija, u liema servizz gie ghalhekk ipprovdut mis-socjeta' kjamata in kawza. Illi din il-konsenja partikolari kienet tikkonsisti f' mija hamsa u tletin (135) kaxxi tal-*laptops*, mghobbija fuq tliet (3) pallets, li minnhom kien hemm tnejn (2) neqsin. Illi tali konsenja

waslet Malta fit-12 ta' Mejju 2008, u giet ikkonsenjata ghand is-socjeta' Intercomp fit-13 ta' Mejju 2008. Illi s-socjeta' assigurata ressqet *claim* in rigward dawn l-oggetti li kienu nieqsa, u wara li saru d-debiti verifiki, is-socjeta' attrici wettqet il-hlas tal-valur ta' dawn l-oggetti. Illi l-ammont mitlub f'din il-kawza jinkludi mitejn u hamsin euro (€250) tas-*survey report*, li sar fis-16 ta' Mejju 2008, u mitejn tlieta u tletin euro (€ 233) *excess* li hallset is-socjeta' Intercomp.

Illi dwar il-merkanzija illi giet ikkonsenjata mis-socjeta' kjamata in kawza fl-imhazen tas-socjeta' assigurata Intercomp Marketing Limited, rapprezentanti fi hdan is-socjeta' Intercomp Marketing Limited iddikjaraw illi l-merkanzija tigi kkonsenjata *shrink wrapped* u meta din inhattet fl-imhazen taghhom, l-i*storekeeper* fetah ir-*wrapping* u beda jghodd il-kaxxi wahda wahda; illi kien hawn illi sabu illi kien hemm zewg-(2) kaxxi neqsin, u li ghalhekk il-konsenja ma kienitx taqbel ma' dik rizultanti mill-fatturi (a fol.37 u 40 tal-atti). Illi tali merkanzija tigi ppakeggjata fl-imhazen tal-fornitur, u l-istruzzjonijiet li kellhom il-fornituri barra, u aktar specifikament fl-imhazen tad-DHL minn fejn titlaq din il-merkanzija, kienet fis-sens illi tali merkanzija tigi impakkettata fuq il-*pallets* bi *plastic* iswed, mal-erba' (4) lati u minn fuq ukoll, sabiex ma jkunx jidher minn barra illi tali merkanzija tikkonsisti *f'computers*. Illi dwar id-delivery notes, li f'dan il-kaz hemm tnejn, wahda datata 12 ta' Mejju 2008 (a fol.35) u ohra datata 13 ta' Mejju 2008 (a fo.34), l-i*storekeeper* iddikjara illi ma jafx ghalfejn kien hemm zewg delivery notes b'dati differenti, izda ddikjara li jittrattaw dwar l-istess konsenja, u li l-annotamenti li hemm fuqhom saru minnu.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddikjara li huma nkarigaw lis-socjeta' kjamata in kawza sabiex tigbor din il-merkanzija mill-mahzen tad-DHL gewwa l-Olanda u tikkonsenjaha fil-mahzen tas-socjeta' Intercomp Marketing Limited. Illi da parti tas-socjeta' konvenuta tibghat rapprezentant taghha fil-mahzen tad-destinatarju sabiex ikun prezenti waqt illi tinhatt il-merkanzija. Illi l-istess rapprezentat ikkonferma illi kienet is-socjeta' rapprezentata minnu illi nkarigat is-servizzi tas-socjeta' kjamat in kawza, u huma nformaw b'dan lis-socjeta' assigurata Intercomp. Illi dwar il-*packing* tal-merkanzija ddikjara illi dan isir mid-DHL fil-mahzen taghha tal-Olanda. Illi in rigward is-servizzi li kienet qed tippresta s-socjeta' kjamata in kawza, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddikjara illi minhabba li kienu qed jirrizultaw xi nuqqasijiet fil-konsenja ta' merkanzija meta kienu qed jinkarigaw is-servizzi tas-socjeta' kjamata in kawza, huma kienu anke bghatu rapprezentant fil-mahzen gewwa l-Olanda sabiex jissorveljaw il-process ta' thejjija tal-*palletting* u impakkettar,

sakemm din il-merkanzija tingabar mill-trailer tas-socjeta' kjamata in kawza, jigi ffirmat is-CMR document, u t-trailer jitlaq. Illi eventwalment is-socjeta' konvenuta ma baqghetx tghamel uzu mis-servizz tas-socjeta' kjamata in kawza, u dan minhabba n-nuqqasijiet illi kienu qed jirrikorru fil-konsenja tal-merkanzija. Iddikjara wkoll illi l-problema kienet tirrikorri aktar meta l-merkanzija tigi trasportata permezz ta' *groupage*.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' kjamata in kawza jsostni illi x-xufiera nkarigati minnha sabiex jigbru l-merkanzija mill-imhazen tad-DHL gewwa l-Olanda kienu jsibu l-merkanzija lesta fuq il-*pallets* u *shrink wrapped*. Illi kien jaghti struzzjonijiet lix-xufiera tieghu sabiex qabel ma jaccettaw il-konsenja, jaccertaw illi l-pallets ma kellhomx hsara u li s-*shrink wrapping* kien intatt. Illi f'dan il-kaz, saru dawn il-verifiki, il-merkanzija giet mghobbija fuq it-*trailer*, u wara li dan gie ssiggillat, ix-xufier telaq u peress illi din il-konsenja kienet tat-tip *groupage*, ix-xufier mar jigbor merkanzija ohra minn fornituri ohra, u eventwalment it-trailer tghabba fuq il-vapur minn Genoa fil-11 ta' Mejju 2008, u wasal Malta fit-13 ta' Mejju 2008. Illi skond id-deposizzjoni tal-*operations manager* impjegat fi hdan is-socjeta' kjamata in kawza, mghotija permezz ta' affidavit, din il-konsenja saret mix-xufiera tal-istess socjeta' kjamata in kawza direttament fl-imhazen tas-socjeta' attrici Intercomp. Illi sussewgwentement, u b'referenza ghad-dokument li jinsab a fol.34 tal-atti, id-direttur tas-socjeta' kjamata in kawza ddikjara illi allura l-merkanzija setghet giet rilaxxjata minnhom a favur tas-socjeta' Miksons Transport Company Limited, u li ghalhekk kienu dawn li kkonsenjaw il-merkanzija fl-imhazen tas-socjeta' Intercomp; madanakollu, wara li ghamel xi verifiki rrizulta illi s-socjeta' kjamata in kawza rrilaxxjat il-merkanzija a favur tas-socjeta' konvenuta meta din waslet hawn Malta, u li kienu dawn tal-ahhar li mbaghad ingaggjaw lil Miksons Transport Company Limited sabiex iwasslu l-merkanzija ghand id-destinatarju, u cioe' is-socjeta' attrici Intercomp.

Ikkunsidra,

Illi din l-azzjoni tittratta dwar konsenja ta' merkanzija li giet imwettqa mis-socjeta' konvenuta fit-13 ta' Mejju 2008, u dan fl-imhazen tas-socjeta' assigurata mas-socjeta' attrici, u cioe' Intercomp Marketing Limited. Illi tali merkanzija kienet tikkonsisti f' varji *computer parts and accessories* mghobbija fuq tliet-(3) *pallets*, u li kien hemm zewg *laptops* neqsin. Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-persuni illi kienu prezenti sabiex jilqghu din il-konsenja, jidher illi s-*shrink wrapping* madwar il-merkanzija kienet ghadha intatta, izda meta l-

i*storekeeper* beda jghodd il-merkanzija, sab illi kien hemm zewg-(2) kaxxi neqsin. Illi s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand is-socjeta' konvenuta tal-valur ta' dawn iz-zewg *laptops* li gew neqsin.

Illi l-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta hija fis-sens illi hi nkarigat is-servizzi tas-socjeta' kjamata in kawza sabiex iggorr u tikkonsenja din il-merkanzija fl-imhazen tas-socjeta' attrici Intercomp, u li ghalhekk ghandha tkun tenuta responsabbli s-socjeta' kjamata in kawza ghal kwalunkwe telf jew dannu li soffriet is-socjeta' attrici Intercomp. Illi da parti taghha, is-socjeta' kjamata in kawza tikkontendi illi fl-ewwel lok m'ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici; illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma dekaduti ai termini tal-Artikolu 32 (1) (a) tal-Konvenzjoni li giet inkorporata fil-ligi taghna ai termini tal-Kap [486] tal-Ligijiet ta' Malta; illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' kjamata in kawza m'hix responsabbli ghan-nuqqas fil-merkanzija ghaliex hi kkonsenjat tali merkanzija fl-istess stat li kienet meta rcevietha minghand is-socjeta' estera; illi t-talba attrici hija eccessiva, u li fi kwalunkwe kaz japplikaw il-limitazzjonijiet applikabli ai termini tal-Konvenzjoni.

Illi z-zewg socjetajiet kummercjali mharrka f'din il-kawza, kemm dik konvenuta u dik kjamata in kawza, t-tnejn jghamlu referenza ghall- *Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road* (abr. CMR), u ghalhekk din l-azzjoni ghandha tigi determinata in linea tar-regolamenti relattivi, senjatament Artikolu 3 tal-istess, li jipprovdi illi "*... the carrier shall be responsible for the acts or omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use of for the performance of the carriage, when such agents, servants, or other persons are acting within the scope of their employment as if such acts or omissions were his own*." Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi s-socjeta' assigurata mas-socjeta' attrici nkarigat is-servizzi tas-socjeta' konvenuta, li da parti taghha imbaghad ghaddiet sabiex ingaggjat dawk tas-socjeta' kjamata in kawza. Illi l-fatt illi l-merkanzija in kwistjoni kienet fil-pussess tas-socjeta' kjamata in kawza waqt illi din kienet qed tigi trasportata, u li tul dan it-tragitt ma kienitx fil-pussess tas-socjeta' konvenuta, ma jwassalx sabiex din is-socjeta' tal-ahhar tista' tigi rilaxxjata mill-obbligi kontrattwali taghha fil-konfront tas-socjeta' li nkarigat is-servizzi taghha. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-gurisprudenza kopjuza in rigward, partikolarment decizjonijiet bejn l-istess partijiet kontendenti, fosthom, **Atlas Insurance PCC Limited pro et noe vs B.A.S Limited et** (Qorti tal-Magistrati – Malta) deciza fid-19 ta' Settembru 2012, fejn il-Qorti ddikjarat kif gej: "*Illi s-socjeta' konvenuta qed targumenta li l-hsara u n-nuqqasijiet riskontrati graw meta l-istess*

*merkanzija kienet fil-pussess tal-kjamata fil-kawza u li ghalhekk l-istess socjeta' kjamata in kawza ghandha tinzamm responsabbli tal-istess danni* di fronte *ghas-socjeta' attrici. Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta u dan peress li jirrizulta mhux kontestat li r-relazzjoni kontrattwali naxxenti mill-*International Consignment Note *hija dik bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta abbazi ta' relazzjoni kuntrattwali hemm milhuqa. Il-fatt li l-istess socjeta' konvenuta inkarigat lis-socjeta' kjamata in kawza sabiex iggorr l-istess merkanzija, ma jfissirx li l-istess socjeta' kjamata in kawza b'hekk holqot relazzjoni guridika u kontrattwali mas-socjeta' attrici, u dan anke in vista tal-fatt li l-inkarigu tas-socjeta' konvenuta sar direttament u esklussivament mas-socjeta' konvenuta u mkien mill-istess ftehim jew mix-xhieda prodotta ma jirrizulta li s-socjeta' attrici tat il-kunsens taghha sabiex is-socjeta' konvenuta tinkariga terzi sabiex igorru l-istess merkanzija."*

Illi jsegwi ghalhekk illi l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' kjamata in kawza, u cioe' illi hi ma hix il-legittimu kontradittur, ghandha tigi akkolta, u konsegwentement is-socjeta' kjamata in kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi f'dan il-kaz irrizulta wkoll illi l-merkanzija in kwistjoni, meta waslet hawn Malta, giet ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta, u din tal-ahhar inkarigat is-servizzi ta' socjeta' kummercjali ohra – Miksons Transport Company Limited, li hija estranea ghal dawn il-proceduri – sabiex finalment tikkonsenja l-merkanzija fl-imhazen tas-socjeta' attrici Intercomp; illi tali konsenja saret l-ghada illi l-merkanzija waslet Malta. Illi ghalhekk jidher illi l-merkanzija kienet ghal xi hin fil-pussess ukoll tas-socjeta' konvenuta. Illi finalment, u in bazi tal-ftehim milhuq bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta, hija din tal-ahhar li hija responsabbli li taccerta illi l-merkanzija tasal fi stat tajjeb u intier ghand id-destinatarju. Gialadarba rrizulta illi l-konsenja ma kienitx taqbel mal-fatturi, allura jsegwi illi tali nuqqas ghandu jigi addossat lis-socjeta' konvenuta, ladarba din naqset milli tipprova illi tali nuqqas huwa attribwibbli lil ohrajn. Illi f'dak li jirrigwarda l-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta illi l-ammont mitlub huwa eccessiv, gialadarba tali ammonti jirrizultaw mill-fatturi rispettivi u mis-*survey* imhejji fuq inkarigu tas-socjeta' attrici assiguratrici, allura jsegwi illi tali ammont huwa sodisfacentement ipprovat. Illi ghalhekk u fic-cirkostanzi t-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici in kwantu rivolti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta’ kjamata in kawza li m’hix il-legittimu kontradittur, u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta, u konsegwentement jilqa’ it-talba tas-socjeta’ attrici limitatament fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta u jikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta’ elf, disa’ mija, tlieta u erbghin euro u hamsin centezmu (€1,943.50c), bl-imghax kif mitluba.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------